



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.7.2019
COM(2019) 341 final

2019/0156 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni prevista fir-rigward tal-Protokoll 1 tal-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni prevista tal-Protokoll 1 tal-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra.

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat mill-Unjoni Ewropea (l-"UE") fit-28 ta' Lulju 2016¹ u ilu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-15 ta' Diċembru 2016.

Il-Ftehim għandu l-għan li (a) jippermetti li l-Parti tal-Ghana tibbenefika mill-aċċess imtejjeb għas-suq offrut mill-UE; (b) jipromwovi l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli fil-Ghana u jtejjeb l-integrazzjoni progressiva tagħha fl-ekonomija dinjija; (c) jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ghana bbażata fuq interess komuni, permezz tal-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ b'mod konformi mar-regoli applikabbli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u mal-prinċipju tal-asimmetrija, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi u l-limitazzjonijiet tal-kapaċità tal-Ghana, mil-lat ta' livelli u żmien magħżul għall-impjenji; (d) jistabbilixxi l-arranġamenti xierqa għar-riżoluzzjoni tat-tilwim; u (e) jistabbilixxi l-arranġamenti istituzzjonali xierqa.

2.2. Il-Kumitat tal-FSE

Il-Kumitat tal-FSE huwa korp stabbilit skont l-Artikolu 73 tal-Ftehim. Huwa magħmul minn rappreżentanti tal-UE u tal-Ghana (il-Partijiet) u kopresedut minn rappreżentant ta' kull Parti. Il-Kumitat tal-FSE jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Il-Kumitat tal-FSE jindirizza l-kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim, inkluża l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-Kumitat tal-FSE jista' (a) jistabbilixxi u jissorvelja kwalunkwe kumitat jew korp speċjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim; (b) jiltaqa' fi kwalunkwe ħin miftiehem mill-Partijiet; (c) iqis kwalunkwe kwistjoni taħt il-Ftehim u jieħu azzjoni xierqa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu; (d) jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet f'każijiet stipulati fil-Ftehim; u (e) jadotta emendi ta' dan il-Ftehim.

Meta jkun meħtieġ, il-Kumitat tal-FSE jista' jirrevedi l-Ftehim, l-implimentazzjoni, it-tħaddim u t-twettiq tiegħu u jagħmel suġġerimenti xierqa lill-Partijiet biex jiġi emendat.

2.3. L-att previst tal-Kumitat

Fil-laqgħa li jmiss li għandha ssir fl-2019, il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta Deċiżjoni dwar l-adozzjoni tal-Protokoll 1 tal-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji"

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1850 tal-21 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 287, 21.10.2016, p. 1).

u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, kif miftiehem mill-Partijiet fil-livell tekniku f'Marzu 2019 ("l-att previst").

L-iskop tal-att previst huwa li jstabbilixxi reġim komuni u reċiproku li jirregola r-regoli tal-oriġini.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ mingħajr reġim komuni u reċiproku li jirregola r-regoli tal-oriġini. L-Artikolu 14 tal-Ftehim jirrekjedi li l-Partijiet jstabbilixxu dan ir-reġim "ibbażat fuq ir-regoli ta' oriġini kif iddefiniti mill-Ftehim ta' Cotonou u li jipprevedu titjib filwaqt li jikkunsidraw l-għanijiet ta' żvilupp tal-Ghana". Dan ir-reġim se jiġi integrat fil-Ftehim innifsu b'deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE. Fin-nuqqas ta' dan ir-reġim, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 2016/1076² ("ir-Regolament dwar l-Access għas-Suq") huma applikabbli għall-esportazzjonijiet mill-Ghana lejn l-Unjoni Ewropea.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

F'Marzu 2019, il-partijiet qablu fil-livell tekniku dwar it-test ta' Protokoll 1 tal-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi għall-kooperazzjoni amministrattiva. Il-Protokoll 1 maqbul huwa msejjes fuq Protokoll konkluż, minkejja li għadu mhux fis-seħħ, il-Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Afrika tal-Punent, il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent (WAEMU), min-naħa l-waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra³, li huwa bbażat fuq il-Ftehim ta' Cotonou. Il-Protokoll 1 maqbul jinkorpora għadd ta' modifiki biex jiġu riflessi l-aħħar żviluppi dwar ir-regoli tal-oriġini, anke dawk inklużi fil-protokoll konklużi l-aktar reċentement dwar ir-regoli tal-oriġini taħt il-FSE mal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP).

Il-modifiki sostanzjali ewlenin introdotti huma:

- Is-sostituzzjoni tal-Artikolu 15 "Trasport dirett" b'"Nonalterazzjoni", biex l-operaturi ekonomiċi jkollhom aktar flessibilità rigward l-evidenzi li għandhom jiġu pprovduti lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur meta t-trażbord jew il-ħażna doganali tal-prodotti oriġinarji jsiru f'pajjiż terz;
- L-introduzzjoni ta' aktar flessibilità għall-operaturi ekonomiċi biex jikkonformaw mal-provi tal-oriġini billi jippermettu lill-esportaturi rreġistrati joħorġu dikjarazzjonijiet tal-oriġini dwar dokumenti kummerċjali ("awtodikjarazzjoni") (l-Artikoli 17 u 21 "il-ġodda"). Il-Ghana se tibbenefika minn perjodu ta' tranżizzjoni ta' 3 snin biex timplimenta l-awtodikjarazzjoni.
- It-tħassir ta' dispożizzjonijiet li ma għadhomx japplikaw:
 - l-Artikolu 3(2)(d) u 3(3) dwar ir-rekwiżiti tal-ekwipaġġ għad-definizzjoni tat-termini "il-bastimenti tagħhom" u "il-bastimenti fabbrika tagħhom";
 - l-Artikoli 7(4), 21, 40, 41(5) u l-Anness IX tal-Protokoll;

² Ir-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 li japplika l-arranġamenti għal prodotti li joriġinaw f'ċerti Stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jstabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, ftehimiet ta' sħubija ekonomika (ĠU L 185, 8.7.2016, p. 1-191).

³ ST 13370 2014 ADD 1, tat-3 ta' Diċembru 2014

- Tifhalla l-akkumulazzjoni reġjonali tal-orijini ma' pajjiżi oħra tal-Afrika tal-Punent li jibbenefikaw minn aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għall-UE;
- Id-deroga ta' sena għat-tonn fil-bottijiet u l-flettijiet tat-tonn (l-Art. 41.9);
- Aġġornamenti tal-Anness II: introduzzjoni tal-alkalojdi ta' orijini mhux veġetali tal-intestatura tas-SA 293980; regoli aktar flessibbli għas-sigarri tat-tabakk tal-intestatura tas-SA 2402 u għat-tabakk tat-tipjip tal-intestatura ex 2403; aġġornament tad-deskrizzjoni tal-intestatura tas-SA ex 3002.

Il-Protokoll 1 propost dwar ir-regoli tal-orijini jipprevedi aktar simplifikazzjoni u flessibilità ta' ċerti regoli tal-orijini u jiffavorixxi wkoll l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tal-Parti tal-Ghana u l-integrazzjoni reġjonali permezz ta' regoli favorevoli dwar l-akkumulazzjoni.

L-att previst jippermetti s-sostituzzjoni tar-regoli tal-orijini attwali applikabbli għall-esportazzjonijiet mill-Ghana lejn l-Unjoni Ewropea, kif definit fir-Regolament dwar l-Aċċess għas-Suq, b'reġim aktar favorevoli u reċiproku.

Id-Deċiżjoni proposta tissodisfa l-obbligi tal-UE skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Il-bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*⁴.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-att, li l-Kumitat huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali b'konformità mal-Artikolu 14 tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Il-bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, il-paragrafi 61 sa 64.

ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-Kumitat tal-FSE se jadotta Protokoll 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, jixraq li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni prevista fir-rigward tal-Protokoll 1 tal-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u (4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fit-28 ta' Lulju 2016 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/1850⁵ u ilu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-15 ta' Diċembru 2016.
- (2) Skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim, il-Partijiet se jstabbilixxu reġim komuni u reċiproku li jirregola r-regoli tal-oriġini. Dan ir-reġim il-ġdid se jsir parti integrali tal-Ftehim b'deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE.
- (3) Fil-laqgħa annwali tiegħu fl-2019, il-Kumitat tal-FSE se jadotta deċiżjoni fir-rigward tal-Protokoll 1 tal-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tal-FSE, peress li dik id-deċiżjoni se tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Il-Protokoll maqbul iqis l-iżviluppi l-aktar riċenti biex jiġu pprovduti regoli tal-oriġini aktar flessibbli u aktar sempliċi li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kummerċ għall-operaturi ekonomiċi u li jottimizzaw ir-rata ta' użu tat-trattament preferenzjali previst fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħa annwali tal-2019 tal-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE fir-rigward tal-Protokoll 1 dwar id-definizzjoni tal-

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1850 tal-21 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 287, 21.10.2016, p. 1).

kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, għandha tissejjes fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President